

Suġġett

Minn naħa, talba għall-annullament tad-deċiżjoni tal-Qorti tal-Awdituri tal-14 ta' Jannar 2011 dwar ir-rexissjoni unilaterali tal-kuntratt-qafas għal servizz "Servizzi diversi ta' sigurtà", LOG/2026/10/02 u talba għall-ħlas ta' danni u, min-naħa l-oħra, talba għall-annullament tad-deċiżjoni tal-14 ta' Jannar 2011 dwar sanzjoni ta' esklużjoni.

Dispożittiv

(1) *Ir-rikors huwa miċħud.*

(2) *GRP Security hija kkundannata għall-ispejjeż, inkluż dawk marbuta mal-proċeduri għal miżuri provviżorji.*

(¹) ĠU C 120, 16.04.2011.

Sentenza tal-Qorti Ġenerali tad-9 ta' April 2013 — Italiana Calzature vs UASI — Vicini (Giuseppe GIUSEPPE ZANOTTI DESIGN)

(Kawża T-336/11) (¹)

("Trade mark Komunitarja — Proċedimenti ta' oppożizzjoni — Applikazzjoni għat-trade mark Komunitarja figurattiva Giuseppe GIUSEPPE ZANOTTI DESIGN — Trade marks nazzjonali figurattivi u Komunitarji verbali preċedenti ZANOTTI — Raġuni relattiva għal rifjut — Probabbiltà ta' konfużjoni — Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009")

(2013/C 147/29)

Lingwa tal-kawża: it-Taljan

Partijiet

Rikorrenti: Società Italiana Calzature SpA (Milan, l-Italja) (rappreżentanti: A. Rapisardi u C. Ġinevra, avukati)

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (rappreżentanti: P. Bullock, aġent)

Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-UASI, intervenjenti quddiem il-Qorti Ġenerali: Vicini SpA (San Mauro Pascoli, l-Italja) (rappreżentanti: M. Franzosi u M. Giorgetti, avukati)

Suġġett

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tat-Tieni Bord tal-Appell tal-UASI tat-8 ta' April 2011 (Każ R 634/2010-2), dwar proċedimenti ta' oppożizzjoni bejn is-Società Italiana Calzature SpA u Vicini SpA.

Dispożittiv

(1) *Ir-rikors huwa miċħud.*

(2) *Is-Società Italiana Calzature SpA hija kkundannata għall-ispejjeż.*

(¹) ĠU C 252, 27.8.2011.

Sentenza tal-Qorti Ġenerali tad-9 ta' April 2013 — Italiana Calzature vs UASI — Vicini (Giuseppe BY GIUSEPPE ZANOTTI)

(Kawża T-337/11) (¹)

("Trade mark Komunitarja — Proċedimenti ta' oppożizzjoni — Applikazzjoni għal trade mark Komunitarja figurattiva Giuseppe BY GIUSEPPE ZANOTTI — Trade mark Komunitarja verbali preċedenti ZANOTTI — Raġuni relattiva għal rifjut — Probabbiltà ta' konfużjoni — Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009")

(2013/C 147/30)

Lingwa tal-kawża: it-Taljan

Partijiet

Rikorrenti: Società Italiana Calzature SpA (Milan, l-Italja) (rappreżentanti: A. Rapisardi u C. Ġinevra, avukati)

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (rappreżentant: P. Bullock, aġent)

Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-UASI, intervenjenti quddiem il-Qorti Ġenerali: Vicini SpA (San Mauro Pascoli, l-Italja) (rappreżentanti: M. Franzosi u M. Giorgetti, avukati)

Suġġett

Rikors kontra d-deċiżjoni tat-Tieni Bord tal-Appell tal-UASI tat-8 ta' April 2011 (Każ R 918/2010-2), dwar proċedimenti ta' oppożizzjoni bejn Società Italiana Calzature SpA u Vicini SpA.

Dispożittiv

(1) *Ir-rikors huwa miċħud.*

(2) *Società Italiana Calzature SpA hija kkundannata għall-ispejjeż.*

(¹) ĠU C 252, 27.08.2011.